MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 1320/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Michael Mallia]**

**[Spettur Gabriel Micallef]**

**vs**

**Franky Cini**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Franky Cini detentur tal-karta tal-identita` numru 10681(G).

Akkuzat talli nhar is-26 ta’ Novembru 2011 ghal habta tal-ghaxra u kwart ta’ filghodu, gewwa Triq il-Mistra San Pawl il-Bahar:

1. Permezz ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Dane Williams kif iccertifikat minn Dr Mary Rose Cassar MD tal-isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dane Williams kontra l-volonta` tieghu u fil-waqt tal-arrest, zamma jew sekwestru, l-istess Dane Williams gie offiz fuq il-persuna jew mhedded bil-mewt;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew imitazzjoni taghha;

4. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garr ' il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U finalment akkuzat talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat in-nota ta’ rinviju tal-Avukat Generali datat tletin (30) ta’ Dicembru elfejn u erbatax (2014) fejn huwa hass li ghandha tinstab htija taht is-segwenti Artikoli tal-ligi:

a. Fl-artikoli 214 u 216 (a)(ii)(b)(c), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-artikoli 214, 221(1)(2) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-artikoli 86 u 87 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 (L-Ordinanza dwar l-Armi) tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitoku 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi kollha prodotti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali wara patteggjament li sar bejn il-partijiet a bazi tal-Artikolu 392A (5)(6) u (7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-ammissjoni tal-imputat wara tali patteggjament fejn huwa ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jirregola ruhhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 86, 87(1)(c), 214, 216(a)(ii)(b)(c), 217, 221(1)(2), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 (L-Ordinanza dwar l-Armi) tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Franky Cini** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ghall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi, filwaqt li tikkundannah ghal multa ta' mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (EUR 116.47) ghar-raba' (4) akkuza.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-arma sikkina esebita fl-atti u mmarkata Dok 11 CZE 06LF04.

Il-Qorti tordna wkoll wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex l-imputat ihallas is-somma ta' erba' t'elef erba' mija u disa' u sittin Euro u tlieta u disghin centezmu (€4469.93) bhala spejjez peritali rigwardanti dawn il-proceduri bi zmien tliet (3) snin sabiex ihallas l-istess ammont. Fin-nuqqas

ta’ hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f’habs skont il-ligi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------